TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 318

KAZ NRU. 441

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

John Azzopardi

u

Comino Holdings Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 7 t'Ottubru 1988.

CHAIRMAN : Dr Richard Camilleri LL.M. (Lond.) LL.D.

1. INTRODUZZJONI

B'ittra datata t-28 t'Awissu 1987, il-Ministru rrefera dan il-kaz ghad-decizjoni tat-Tribunal skond is-sub artikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

Il-kumpanija appellata permezz ta' rizoluzzjoni appuntat lis-Sur John Cutajar biex jirrapprezentaha f'dawn il-proceduri.

L-appellant gie assistit mis-Sur France Coleiro, is-Segretarju tal-Hotels, Restaurants and Catering Section tal-General Workers' Union waqt li ghal kumpanija appellata deher is-Sur Alfred Mallia Milanes.

Inzammu seba' seduti sabiex ingabru l-provi kollha u wara li t-Tribunal ikkunsidra l-provi kollha, l-istatements of case u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, wasal ghad-decizjoni tieghu kif ser jinghad.

/.....

2. STATEMENTS OF CASE

Fl-istatement of case taghha l-kumpanija appellata ssottomettiet li hi kecciet lill-appellant ghaliex irrizulta li fit-30 ta' Mejju 1987 kmieni filghodu l-appellant kien qed juza lanca tal-kumpanija meta ma kienx awtorizzat u probabilment ghall-garr ta' passiggieri mhux tal-Hotel. L-iskuza tal-appellant li hu ghamel vjagg ta' emergenza ghal ragunijiet medici ma kienetx **attendibbli** u anke f'kaz bhal dan hu missu dejjem ikkomunika mal-Hotel u l-anqas ma jmissu garr passiggieri lura lejn Ghawdex. Id-decizjoni li l-appellant jitkecca ttiehdet fl-isfond tar-"record" tieghu. Fl-ahhar, il-kumpanija appellata, minghajr pregudizzju ssottomettiet li minhabba li l-appellant kien f'kariga ta' responsabilta ma jistax ikun hemm ordni ta' re-instatement. Fl-"istatement of case" tieghu, l-appellant issottometta illi hu ghamel il-vjagg ghaliex certu Frank Refalo kellu bzonn li jiehu tarbija, neputija, b'emergenza ghand it-tabib kuranti tal-familja. Azzopardi l-ewwel irrifjuta. Refalo cempel il-lukanda biex jiehu permess pero' ma rnexxilux ghax qalulu li l-Manager ma kienx fil-lukanda. Refalo nsista u qal li kien jerfa' r-responsabilta hu u peress li Refalo kien fdat mill-Management ghaliex kien inkarigat mix-xoghol ta' trasport ta' mpjegati u turisti f'Ghawdex mill-Hotel, Azzopardi wassal lil Refalo, martu u t-tarbija c-Cirkewwa. Il-mara marret ghand it-tabib bit-tarbija u ha lura Ghawdex lil Refalo u lil Watchman tal-Gozo Channel Company. L-akkuza originali kienet li certu Dun Guzepp Hili, li jgorr turisti bejn Malta u Ghawdex bil-lanca tieghu ghamel rapport li John Azzopardi garr xi turisti bil-lanca tal-Hotel. Meta dan irrizulta li ma kienx minnhu, l-management bidlu l-akkuza fis-sens li Azzopardi ghamel uzu mill-lanca minghajr permess.

3. PROVI

Ix-xhieda li nstemghu kienu :

/.....

1. Emanuel Vella tal-Gozo Channel Co. Ltd.
2. Is-Sur Frank Refalo li hu nkarigat mill-kumpanija appellata biex jiehu hsieb it-trasport f'Ghawdex.
3. Is-Sur John Azzopardi, l-appellant.
4. Is-Sur Peter Gaetzi, general manager tal-Comino Hotel.
5. Dun Guzepp Hili li kien qed juza lanca bejn Ghawdex u Malta.
6. Is-Sur Charles Mercieca, li kien night auditor on duty fil-Comino Hotel.
7. Is-Sur Joachim Mathe, assistant manager tal-Comino Hotel.
8. Is-Sur Vincent Grima, Security watchman tal-Comino Hotel.

Gew esebiti d-dokumenti segwenti:

1. Ittra datata t-30 ta' Mejju 1987 mill-Comino Hotel lill-appellant li qed tinfurmah li gie mkecci b'effett immedjat;
2. Affidavit ta' Frank Refalo;
3. Certifikat tat-Tabib A. Mifsud li ccertifika li ezamina lil Simon Farrugia fit-30 ta' Mejju fil-5.00 a.m.;
4. Affidavit ta' John Azzopardi;
5. Affidavit ta' Peter Gaetzi;
6. Statement ta' Joachim Mathe;
7. Statement ta' Charles Mercieca.

Mill-kumpless tal-provi li gew prodotti jirrizulta li c-cirkostanzi li taw lok ghat-tkeccija mertu ta' dan il-kaz kienu:

1. L-appellant kien impjegat mal-kumpanija appellata bhala Senior Coxswain u huwa responsabbli ghaz-zewg lanec tal-kumpanija.

/.....

2. Fit-30 ta' Mejju 1987 hu ghamel vjagg sabiex ha lil certu Frank Refalo, l-mara ta' l-istess Refalo u n-neputija taghhom minn Ghawdex sac-Cirkewwa, Malta. Dan il-vjagg sar ghaliex Refalo ried jiehu t-tarbija ghand tabib Malta. Il-mara ta' Refalo marret bit-tarbija ghand it-tabib. L-appellant mar lura Ghawdex flimkien ma' Refalo u ha lura mieghu lil certu Emanuel Vella, impjegat tal-Gozo Channel Co. Ltd. li kien spicca x-xoghol u ried imur id-dar tieghu Ghawdex. Dan kollu jirrizulta mix-xhieda tal-appellant, ta' Frankie Refalo u ta' Emanuel Vella. Din ix-xhieda m'hijiex kontradetta minn xhieda ohra. Anzi c-certifikat tat-tabib Mifsud jikkorrobora din il-verzjoni ta' fatti.

3. Dak in-nhar il-vapur ta' Ghawdex kien bil-hsara u ma kienx qed jahdem. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-appellant, ta' Frankie Refalo, ta' Emanuel Vella, u anke ta' Dun Guzepp Hili. Kien ghal din ir-raguni li l-appellant ghamel il-vjagg lejn Malta u anke li ha lura mieghu lil Emanuel Vella. Huwa zgur ukoll li l-appellant ma garrx turisti. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Dun Guzepp Hili li ghal biduhu stess issospetta u nissel suspett fil-management tal-lukanda li l-appellant kien garr xi turisti.

4. L-appellant ma nghatax permess ghal dan il-vjagg. Ic-cirkustanzi dwar it-telefona li saru lill-lukanda m'humiex ghal kollox cari. Pero' minn dak li qalu l-appellant, Refalo u Charles Mercieca jirrizulta li permess ma nghatax.

5. L-appellant ghamel dan il-vjagg wara li nsista mieghu Refalo, li t-tarbija, kellha tmur b'urgenza ghand it-tabib Malta u wara li Refalo wieghed li kien ser jirranga hu mall-Lukanda. Refalo kien inkarigat mill-kumpanija appellata biex jiehu hsieb jittrasporta staff u turisti f'Ghawdex. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Refalo u l-appellant.

/.....

6. Meta jsir vjagg barra minn normal bhala regola l-appellant kellu jottjeni permess mill-management u dan specjalment meta l-vjagg ma jsirx ghal skopijiet tal-lukanda. Dan jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Gaetzi, is-Sur Mathe, is-Sur Charles Mercieca u l-appellant.

7. Il-kumpanija appelata keccict lill-appellant mill-impieg fl-istess gurnata b'effett immedjat "because you have used the property of the company without any authority". Dan jirrizulta mill-ittra tat-30 ta' Mejju 1987 iffirmata mis-Sur Gaetzi.

Fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali giet sollevata il-problema tal-oneru tal-prova. Ghalkemm it-Tribunal ma kellux ghalfejn jidhol f'dan il-punt ghaliex il-fatti fuq elenkati huma sufficjentement provati, t-Tribunal josserva li l-kriterju ghandu jkun il-principju "Probatio incumbit ei qui dicit non ei qui negat" cioe' l-piz tal-prova trid tintrefa' minn min jafferma u mhux minn min jichad. Il-fatt li l-impjegat irid jiehu l-inizjattiva biex jibda l-proceduri billi jghid li t-tkeccija kienet ingusta tista' tqarraq. Il-ligi tinnormetti li mpjegat jigi mkecci jekk hemm raguni tajba u bizzejjed. Ghaldaqstant, huwa l-principal li inizjalment jafferma li ghandu raguni tajba biex ikecci lill-impjegat u jsegwi li l-principal ghandu l-obbligu li jistabilixxi dak il-fatt. Ovvjament l-oneru fid-diversi stadji u rigward punti differenti jista' jinbidel minn parti ghall-ohra. Pero', kif jghid Robert Upex fit-test "Termination of Employment" (page 43) "The burden of establishing the reason or principal reason for the dismissal lies upon the employer. If he fails to do so, the dismissal will be deemed unfair!"

4. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

L-essenza tas-sottomissjonijiet finali tal-kumpanija appellata hu li l-appellant ghamel uzu mill-proprjeta tal-kumpanija minghajr il-kunsens tal-kumpanija - dan huwa att kriminali u agir mill-aktar

/.....

irresponsabbli. Inoltre, gie sottomess li l-appellant ma gabx provi li dan kien kaz ta' urgenza.

L-appellant minn naha l-ohra qed isostni li mix-xhieda hareg l-ewwel nett l-urgenza tal-kaz u t-tieni hemm ukoll ippruvat li Azzopardi rrifjuta li juza l-lanca u anke wara li Refalo qallu li cempel il-lukanda u ma sab lil hadd, Azzopardi uza qalbu aktar milli mohhu u ddecieda li juza l-lanca. Inoltre, l-management ha d-decizjoni li jittermina l-impieg ta' Azzopardi minghajr ma tah cans li jirrispondi ghall-akkuzi jew jiggustifika ruhu u dan imur kontra l-ftehim kollettiv.

5. KONSIDERAZZJONIJIET

Gie ritenut diversi drabi minn dan it-Tribunal li t-tkeccija mill-impieg hija sanzjoni drastika u normalment ghandha tigi preceduta minn "warnings" cari li jaghtu l-possibilita lill-impjegat li jirregola ruhu. Ara, per ezempju, Award Nru. 78 C. Mercieca vs Euro Skin Co. Ltd.

Gie stabilit bhala fatt li l-appellant biex jaghmel il-vjagg li ghamel missu talab permess tal-management. M'huwiex assolutament car jekk kien hemm l-opportunita fic-cirkostanzi li jottjeni dan il-permess pero' seta' ghall-inqas cempel l-appellant stess qabel ma ghamel il-vjagg biex jipprova jottjeni l-permess mehtieg.

Ghaldaqstant, il-punt li jrid jigi deciz mit-Tribunal huwa jekk dan l-agir jiggustifikax it-tkeccija mill-impieg immedjata. Is-Sur P. Gaetzi, il-general manager tal-lukanda, xehed li din kienet l-ewwel okkazzjoni li l-appellant uza l-lanca minghajr permess (vide pagna 42 tax-xhieda tas-Sur Gaetzi). Il-kumpanija esebit "written warning" iehor datat t-30 t'Ottubru 1985 pero' dan jirrigwarda ir-roster tal-crew u departure timings. Il-kumpanija esebit xi ittri ohra li jitolbu spjegazzjonijiet minghand l-appellant pero' ma jirrizultax illi wara l-ispjegazzjoni ttiehdet xi azzjoni.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, il-kumpanija appellata fic-cirkostanzi tal-kaz kienet drastika wisq meta qabdet u kecciet lill-appellant. Gie stabbilit minghajr ebda dubju li l-appellant ma garrx turisti u m'ghamilx il-vjagg ghal skopijiet ta' qliegh. F'dan il-kaz, il-kumpanija kienet tkun gustifikata li tghid li dan huwa ekwivalenti ghal serq. Wiehed irid jikkunsidra illi Refalo kien bniedem li kellu relazzjonijiet ta' xoghol mal-kumpanija u mhux bniedem li assolutament m'ghandux x'jaqsam maghha; Kien biss wara li Refalo baqa' jinsisti u wara li weghdu li se jerfa' r-responsabilita hu stess li l-appellant iddecieda li jaghmel il-vjagg. It-Tribunal ihoss ukoll illi l-provi jindikaw li dan kien verament kaz urgenti. Kieku ma kienx hemm urgenza Refalo ma kienx jinsisti li jsir vjagg kmieni fil-ghodu. Dan sar ghaliex dak in-nhar il-vapur ta' Ghawdex ma kienx qed jahdem.

Il-fatt li l-appellant ha lura mieghu lil Emanuel Vella, tal-Gozo Channel Co. Ltd. bl-ebda mod ma tiggrava l-incident. Vella kien haddiem li kien sejjer lura d-dar wara x-xoghol; il-vapur ta' Ghawdex ma kienx qed jahdem u l-appellant li del resto ried imur lura Ghawdex ta "lift" lil Vella. It-Tribunal josserva wkoll li meta xi nies fuq il-moll ippruvaw biex jitilghu fuq il-lanca l-appellant irrifjutahom.

Apparti dan, it-tkeccija mill-impieg sar bi ksur tal-klawsola 22 tal-ftehim kollettiv li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-kumpanija u l-union u l-haddiema. Anke li kieku l-kaz in ezami kien jaqa' taht wiehed mill-kazijiet elenkati f'paragrafu e tal-istess klawsola, l-appellant imissu gie sospiz b'nofs paga "pending investigation as to whether dismissal should follow after enquiry conducted by Management in the presence of the employee concerned with or without the assistance of a Union representative at his/her option". Il-kumpanija appellata illicenzjat lill-appellant dik il-gurnata tal-incident b'effett immedjat minghajr ma halliet lill-appellant opportunita' sufficjenti u ragjonevoli biex jiggustifika ruhu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li t-tkeccija mill-impieg ma saritx ghal raguni skond kif trid il-ligi.

6. KUMPENS

It-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tal-kumpanija appellata li l-appellant kien Head of Department u ghaldaqstant jikkwalifika taht il-proviso tal-artikolu 33 sub-artikolu (1) tal-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali bhala impjegat "f'kariga amministrattiva jew ezekuttiva li tehtieg fiducja specjali fil-persuna tad-detentur". Mill-provi jirrizulta li d-decizjonijiet principali kienu jittiehdu mill-manager u l-assistant manager u ma jidhirx li l-appellant kellu kariga amministrattiva jew ezekuttiva kif trid il-ligi. Pero', it-Tribunal ma jhossx li hu prattikabbli li l-appellant jerga' jidhol fl-impieg tieghu u dan ghaliex l-appellant jokkupa kariga ta' fiducja kbira liema fiducja tidher li giet irremedjabilment miksura. L-appellant ghandu fil-pussess u l-kontroll tieghu anke bil-lejl, iz-zewg lanez tal-kumpanija. Jidher li minn zmien qabel l-incident in kwistjoni kellu xi "clashes" mal-management. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ma jidhirx li huwa prattikabbli li jigi ordnat li l-appellant jerga' jidhol fl-impieg tieghu.

Rigward kumpens, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lill-appellant bhala rizultat tat-tkeccija ngusta fl-ammont ta' elf u tmien mitt lira (LM1,800). Inoltre, jhoss li l-appellant ghandu jinghata certifikat ndif tas-servizz.

7. DECIZJONI

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jiddikjara li t-tkeccija mill-impieg tal-appellant da parti tal-kumpanija appellata kienet ingusta u filwaqt li jhoss li m'huwiex pratikabbli jigi ordnat li l-appellant jerga' jidhol

/.....

fl-impieg tieghu, jillikwida l-kumpens dovut fl-ammont ta' elf u tmien mitt lira (LM1,800) jordna li l-Kumpanija appellata thallas lill-appellant is-somma ta' elf u tmien mitt lira (LM1,800) fi zmien xeghrejn m'illum kif ukoll li l-appellant jinghata certifikat nadif tas-servizz tieghu mall-kumpanija appellata.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) mghamula taht l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali it-Tribunal qed jintaxxa ghal kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghall-partijiet, id-drittijiet fis-somma ta' erbghin lira (LM40).

RICHARD CAMILLERI
CHAIRMAN

ALDO TESTONE
SEGRETARJU

/em